**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 315/2011**

**Illum: 24 ta' April, 2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Antonio Frendo**
**(ID 680448(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Antonio Frendo ta' 61 sena, iben Antonio u Carmela nee` Muscat, imwieled Hamrun fis-7 ta' Awwissu 1948, residenti 111, Triq A. Cuschieri, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 680448(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-31 ta' Dicembru 2009 u fix-xahar ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'cirkostanzi li

juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn jiltaqghu z-zghazagh u dan bi ksur tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diverament preseduta;

Semghet it-trattazjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti: F'lejliet l-ewwel tas-sena ossia fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2009 u l-1 ta' Jannar 2010, ufficjali tal-pulizja innutaw vettura u cioe` taxi bin-numru ta' registrazzjoni JTY 113 hdejn il-*Black Bull*, gewwa Paceville. Huma ghamlu tfittxija fuq gewwa tal-vettura, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv u tenut kont ta' informazzjoni kunfidenzjali li kien ircieva PS 579 Antoine Micallef, huma komplew bit-tfittxija fil-kompartiment tal-vettura li fih jinsab it-tapp tal-petrol, fejn instabet sustanza suspettata raza tal-*cannabis*. Stante li l-istess taxi kienet qed tigi misjuqa mill-imputat odjern, dan gie arrestat u ttiehed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.[2]

PS 579 Antoine Micallef xehed illi mill-kompartiment fejn jinsab it-tapp tal-petrol tal-vettura, huwa eleva s-sustanza msemmija, apparti li gew elevati wkoll flus kontanti li, skont dak li ftakar hu, kienu fuq il-persuna tal-imputat, fil-kartiera, ghalkemm dwar dan ma kienx cert. Biss kien cert dwar il-fatt illi fl-imsemmi kompartiment, kien hemm biss is-sustanza u li l-flus ma kinux hemmhekk. Ghalkemm ghall-ewwel qal illi l-bieba ta' din il-kompartiment kienet tinfetah minn

[1] Din il-parti tal-imputazzjoni ossia l-addebitu tal-aggravju tad-distanza gie mizjud fuq talba tal-Prosekuzzjoni, milqugha b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Novembru 2012 (ara l-verbal li jgib l-istess data, a fol. 22 tal-process).
[2] Ara x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 13 sa 21 tal-process), ix-xhieda ta' PC 642 Joseph Camilleri (a fol. 40 sa 43 tal-process) u x-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb (a fol. 44 sa 46 tal-process).

gewwa l-vettura, sussegwentement ma ftakarx min fetah din il-bieba ossia jekk hux hu jew l-imputat u lanqas ma ftakar jekk fethuhiex minn barra l-vettura.[3]

PS 642 Joseph Camilleri xehed illi fil-31 ta' Dicembru 2009, ossia fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2009 u l-1 ta' Jannar 2010, huma - cioe` PS 579, PC 1319 u hu - raw taxi bajda, Volkswagen Passat, li kienet wieqfa gewwa Paceville, hdejn il-*Black Bull* u ghamlu tfittxija fl-istess vettura. Jghid illi huma talbu lill-imputat sabiex jiftah il-bieba fejn hemm it-tapp tal-petrol u li l-imputat fetahha minn gewwa. X'hin ghamel dan, waqghet borza bi tliet bicciet suspettati raza tal-*cannabis*. Jghid ukoll illi dak il-hin, fl-akkwati kien hemm hafna zghazagh. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi din il-bieba kienet fuq in-naha tax-xufier, fuq wara u li dak il-hin, x'hin waqghet is-sustanza, huwa kien qieghed fuq in-naha ta' wara, hdejn il-*mudguard* ta' wara tal-vettura. Jghid illi l-bieba li taghti ghat-tank tal-petrol ma kinitx tinfetah minn barra.[4]

PC 1319 Matthew Xuereb jikkonferma illi fil-lejl in kwistjoni saret tfittxija fl-istess vettura. Fuq gewwa ma nstab xejn ghajr ghal ammont ta' flus. Jghid illi huma talbu lis-sewwieq tat-taxi sabiex jiftah il-bieba fejn jinsab it-tapp tal-petrol u li x'hin huma fethuha, waqghet borza bi tliet bicciet kannella suspettati raza tal-*cannabis*. Jghid illi dak il-hin huwa kien in-naha ta' hdejn din il-bieba. Skont ix-xhud, din infethet minn gewwa tal-vettura u li sa fejn jiftakar hu, kien fetahha l-imputat b'xi *lever* mill-vettura stess. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi l-flus misjuba kienu jikkonsistu f'mijiet ta' Euro.[5]

Skont ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[6], huwa gie moghti s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu: i) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta, li kien issigillat u li ma giex miftuh, li fuqu kien hemm il-kliem 'Antonio Frendo, Receipt included, €1,010.00', u ii) Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 31/12/2009, Hin 11.00 p.m., Elevat/i minn PS 579, fil-presenza ta' Antonio Frendo 0680448(M) minn tank tal-petrol BTY 113'. F'din il-borza kien hemm borza tal-plastik trasparenti kontenenti tliet blokki zghar ta' sustanza ta' lewn kannella, li kienu separatament imgezwra go bicciet tal-*foil*.

Fl-istess relazzjoni, l-espert imsemmi kkonkluda illi fit-tliet blokki ta' sustanza ta' lewn kannella, f'ammont nett totali ta' <u>13.36 grammi</u>, instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)*, sustanza li tinstab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita` medja ta' dawn il-blokki ghas-sustanza *THC* kienet ta' cirka 4.7%. Ukoll skont l-

[3] Ara x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 13 sa 21 tal-process.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 40 sa 43 tal-process.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 44 sa 46 tal-process.
[6] Din tinsab esebita a fol. 26 tal-process.

istess relazzjoni, dawn il-blokki kellhom is-segwenti piz rispettivament: 4.42 grammi, 4.36 grammi u 4.58 grammi.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-1 ta' Jannar 2010 u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[7] Xehdu wkoll mart l-imputat Josephine Frendo[8], kif ukoll certu Manuel Tabone[9], u dan bhala xhieda in difesa in konnessjoni mal-flus kontanti li gew elevati mill-pussess tal-imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dawn il-proceduri, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*. M'hemmx dubbju illi s-sustanza misjuba fit-taxi in kwistjoni fil-jum li ghalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna effettivament kienet raza tal-*cannabis*, kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud u in oltre illi din ir-raza kienet fil-pussess tal-imputat odjern. Sa hawn fil-fatt m'hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiza, tant illi l-imputat jammetti, fix-xhieda tieghu, illi huwa kien fil-pussess ta' din id-droga. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza invece huwa li dan il-pussess kien wiehed aggravat, izda tikkontendi minflok illi din id-droga kienet esklussivament intiza ghall-uzu personali tal-imputat.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

[7] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 8 tal-process u x-xhieda tieghu, a fol. 49 sa 62 tal-process.
[8] Din ix-xhieda tinsab a fol. 79 sa 83 tal-process.
[9] Ara x-xhieda tieghu a fol. 70 sa 76 tal-process.

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

F'dan il-kaz, kif inghad, il-Prosekuzzjoni gabet il-prova fil-grad rikjest mil-ligi, kemm tal-ammont ta' droga misjuba, kif ukoll tal-pussess, liema pussess gie ukoll ammess mill-imputat fix-xhieda tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwantita` ta' raza tal-*cannabis* hekk misjuba ossia f'piz ta' 13.36 grammi, m'hijiex kwantita` negligibbli jew insinjifikanti u lanqas ma hija kwantita` li wiehed normalment jassocjaha ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Tenut kont li normalment *joint* jikkontjeni cirka 0.2 grammi *cannabis* – kif del resto xehed ukoll l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[10] - dan ifisser li wiehed seta' johrog madwar 66 *joint* minn dan l-ammont. Veru wkoll illi l-istess espert xehed illi f'dan il-kaz, il-purita` tas-sustanza ghal *cannabis* kienet wahda baxxa, izda huwa minnu wkoll illi l-istess espert xehed illi izjed ma jghaddi zmien minn fuq is-sustanza, din tiddegrada u ghalhekk tonqos fil-purita` taghha. Fil-waqt illi s-sustanza giet elevata fl-ahhar jum tas-sena 2009, l-analizi tal-espert fuq l-istess sustanza saret fit-30 ta' Ottubru 2012, u ghalhekk kwazi tliet snin wara li sehh il-kaz.

[10] Ara x-xhieda tal-espert, a fol. 24 u 25 tal-process.

Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-imputat irrilaxxja stqarrija fl-1 ta' Jannar 2010 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghall-jedd tal-assistenza legali lill-persuna arrestata qabel l-interrogatorju taghha, biss f'dan il-kaz, matul ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, wara li d-difiza ghamlitlu referenza ghall-istqarrija minnu rilaxxjata, l-imputat ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament tieghu. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, f'dan il-kaz, minkejja li l-imputat ma nghatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tieghu, la darba huwa ghazel minn jeddu li jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament waqt ix-xhieda tieghu, il-Qorti qed tqis din l-istqarrija bhala prova ammissibbli u ser tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u minkejja li huwa baqa' jtenni illi d-droga kienet biss ghall-uzu personali tieghu u cahad li kienet intiza ghal spacc lil terzi, issib inkonsistenzi bejn il-verzjoni li huwa ghazel li jaghti fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine* u l-verzjoni li huwa ta fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Tqis ukoll illi l-verzjoni tal-imputat la hija verosimili u lanqas kredibbli.

Fl-ewwel lok, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa jpejjep *joints* bir-raza tal-*cannabis* biss meta jkollu xi mara barranija mieghu u dan sabiex ihossu komdu. Hawnhekk huwa spjega li b'mara barranija huwa ried ifisser mara Maltija – u allura b'dan, il-Qorti tifhem illi huwa kien qed jirreferi ghall-mara li mhix martu – u meta mistoqsi jghid kull meta jkollu mara barranija, huwa jwiegeb illi dan kien jaghmlu meta jkollu aptit ossia daqqa darba f'xahar u daqqa darba f'gimgha, skont il-kaz. Mela allura l-imputat ma kienx wiehed li jaghmel uzu regolarment mir-raza tal-*cannabis*. Fil-fatt fl-istess stqarrija tieghu, huwa jghid ukoll illi qatt ma kellu bzonn jixtri l-*cannabis* biex jaghmel uzu minnha, ghaliex kien jiddobba minghand shabu x-xufiera. Dan juri ghalhekk kemm l-imputat ma kienx jaghmel uzu ta' spiss minn din id-droga, izda li dan l-uzu tieghu kien limitat biss ghal meta jiddobba l-istess minghand haddiehor. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, jerga' jikkonferma li kien jiehu l-*cannabis* fl-okkazzjonijiet li fihom kien ikun ma' mara – u jsejjhilha 'tal-okkazjoni' – u sussegwentement in kontro-ezami, jghid ukoll illi fil-kamra tal-ajruport, kien hemm xufiera li gieli tawh nifs, li dan kienu jaghmluh meta kien ikollhom u li gieli kien ikollhom darba f'gimgha. Jghid illi huwa kien jehodha meta jsib lil xi hadd li joffrilu. Mela allura l-imputat lanqas kien xi wiehed li jpejjep xi *joint* shih, ghaliex fi kliemu stess, gieli nghata nifs minn shabu, meta dawn kien ikollhom ir-raza disponibbli ghalihom u certament li ma kintix droga li kien jirrikorri ghaliha ta' spiss, tant li skont hu, lanqas qatt ma hass il-bzonn li kellu jixtri minnha. Hawn il-Qorti tistaqsi wkoll – kull meta kien jaghmel uzu mir-raza l-imputat? Meta jkollu mara biex ihossu komdu jew meta

kienu joffrulu shabu? Jew kumbinazzjoni dawn l-okkazzjonijiet u l-offerti li kienu jsirulu minghand shabu tax-xoghol kienu jinzertaw dejjem it-tnejn flimkien?
Fit-tieni lok, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa zamm ir-raza tal-*cannabis* fil-kompartiment tat-tapp tal-petrol "*biex ma jigix xi hadd iehor w jehodomli*". Fil-proceduri madankollu, l-imputat biddel din il-verzjoni u qal illi zammha hemmhekk sabiex ma ssibhiex martu fil-vettura tieghu, ghaliex skont hu, martu gieli kienet tfittixlu fil-vettura u skont hu wkoll, fid-dar ma kellu l-ebda post fejn seta' jahbi l-affarijiet personali tieghu. Fil-verita`, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat la zammhom fil-kompartiment tat-tapp tal-petrol ghaliex kien jibza' li ssibhomlu martu – u fil-fatt ma jidhirx li tant kien jibza' minnha dwar affarijiet ohrajn – u lanqas biex ma jinsterqulux, ghaliex sabiex jevita dan, seta' facilment zammhom minflok fuq il-persuna tieghu jew inkella f'post iehor fil-vettura fejn seta' jzommhom taht ghajnejh, izda pjuttost ghaliex din kienet mohba tajba fejn normalment wiehed ma jistennix li jsib id-droga u fl-istess hin, kienet facilment accessebbli ghalih. Effettivament, l-imputat ma hassx li kellu ghalfejn jahbi s-somma ta' €1,010 f'din il-parti tal-vettura. Certament li mhuwiex normali li tinstab id-droga hdejn it-tapp tal-petrol u fil-fatt, skont ix-xhieda li nghatat minn PS 579 Antoine Micallef, saret tfittxija f'din il-parti tal-vettura ghaliex dan ix-xhud kellu informazzjoni li l-imputat kien izomm id-droga hemmhekk. Altrimenti l-Qorti tiddubita kemm il-pulizija normalment tfittex wara l-bieba fejn jinsab it-tapp tal-petrol waqt tfittxijiet ta' rutina u sakemm ma jkollhiex informazzjoni specifika, kif skont PS 579 u anke skont l-Ufficjal Prosekutur, gara fil-kaz odjern.

Il-Qorti tinnota wkoll illi kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll matul il-proceduri, l-imputat jghid illi din id-droga nghatat lilu minn zewg Taljani wara li huwa kien wassalhom l-ajruport. Anke dwar dan madankollu, il-Qorti tinnota inkonsistenzi. Fl-istqarrija tieghu, meta mistoqsi jekk kienx hallas ghal din ir-raza, huwa jghid "*qisni hallast 20 euro ghax fil-fatt tal-vjagg tat-taxi ma hallsunix*". Mela hawnhekk l-imputat qed jghid illi huwa ma thallasx tal-vjagg bi flus, izda thallas bid-droga u illi stante illi l-vjagg kien jiswa cirka €20, allura d-droga swietu l-prezz tal-vjagg. Fil-proceduri, madankollu, l-imputat jghid illi mhux talli ma zammx flus tal-vjagg u thallas bid-droga, izda in oltre huwa stess hallas liz-zewg Taljani €20. L-ewwel jghid illi ghamel dan ghax talbuh il-flus stante li ma kellhomx flus u ghalhekk ma kellhomx biex jieklu u izjed tard in kontro-ezami, jzid ukoll illi lilu qalulu li kienu xtrawha u li kienet tigihom izjed. Issa f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi din il-verzjoni tal-imputat la hija verosimili u wisq inqas kredibbli. Hawnhekk qed nitkellmu dwar persuna li ma kienx jiehu d-droga regolarment, izda anzi kien jehodha biss meta jirnexxilu jiddobba xi nifs l'hawn u l'hinn minghand shabu u li qatt ma hass il-bzonn li jixtriha. Fil-fehma tal-Qorti, certament li mhuwiex normali li xi hadd jipprova jhallas ghal vjagg b'oggetti li m'humiex flus, izjed u

izjed meta hawn si tratta ta' sustanzi illeciti u dan ikkonfermah ukoll l-istess imputat, li l-uniku ezempju illi seta' jsemmi b'referenza ghas-snin li kien ilu jahdem bit-taxi kien illi xi hadd offrilu *mobile phone* ghaliex ma kellux flus u fil-fatt qal ukoll illi qatt ma kien iltaqa' ma okkazzjoni bhal din fejn xi hadd offrilu d-droga minflok flus. Fit-tieni lok, huwa ferm inverosimili, fil-fehma tal-Qorti, illi l-imputat li ma kellux xi interess fid-droga tant li kien joqghod b'dak in-nifs li kien jiddobba xi kultant, mhux biss jaccetta din id-droga fl-ewwel lok – u in oltre mhux xi bicca zghira, izda ben tliet bicciet f'piz ta' 13.36 grammi – izda izjed minn hekk, ihallas ghaliha wkoll, u dan wara li ma kienx thallas tal-vjagg. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat jipprova jaghti x'jifhem illi huwa lanqas induna x'kienu qeghdin joffrulu dawn it-Taljani – jirrepeti li dawn qalulu li 'dawn okkazzjoni' u li 'dawn okkazzjoni li jkomplulek is-serata' u fuq mistoqsija tal-Qorti, qal ukoll illi ma kienx jaf x'inhuma, izda huwa fehem li din kienet l-okkazzjoni li kellu u ghalhekk zammhom. Mela allura f'daqqa wahda donnu nesa l-imputat li fl-istqarrija tieghu, huwa qal illi kien jiehu l-*cannabis* xi darba f'xahar jew xi darba f'gimgha kull meta kien ikollu mara mieghu biex ihossu komdu jew inkella in kontro-ezami nesa wkoll illi qal illi ma kienx jaf x'kienu l-oggetti li kien qed jinghata minghand dawn it-Taljani, meta qal illi kien jiddobba xi nifs l'hawn u l'hinn minghand ix-xufiera shabu. L-imputat certament li m'huwiex kredibbli meta jghid illi ma kienx jaf x'kienu dawn l-oggetti, meta imbaghad skont hu, accetta mhux biss li ma jithallasx tal-vjagg bi flus, izda li johrog il-flus huwa stess sabiex jakkwista l-istess – oggetti dawn li skont hu ma kienx jaf x'inhuma - u wara imbaghad, hbihom fil-vettura. Naturalment, kien proprju ghaliex l-imputat kien jaf ben tajjeb x'kienet is-sustanza fil-pussess tieghu, illi huwa ghazel li jahbiha fil-post fejn instabet. Bhalma lanqas ma huwa kredibbli l-imputat meta jghid illi huwa qatt ma xtara droga u kien ipejjep xi nifs xi kultant minghand shabu, izda mbaghad, skont hu "ghall-okkazzjoni" jiddeciedi li jixtri, mhux bicca wahda, izda tliet bicciet raza tal-*cannabis* f'piz li minnu kien kapaci johrog 66 *joint* u jahbi l-istess hdejn it-tapp tal-petrol ghall-uzu tieghu! Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi kif hu jsejjah din id-droga 'tal-okkazzjoni', kumbinazzjoni dawn it-Taljani wkoll qalulu dawn il-kliem ossia illi 'dawn okkazzjoni'.

Apparti n-nuqqas ta' kredibilita` tal-imputat, id-diskrepanzi fil-verzjonijiet moghtija minnu u l-inverosimiljanza tal-istess, kif diga` indikat izjed 'il fuq, il-Qorti mbaghad ma tistax ma tqisx ukoll il-piz tal-istess sustanza, li kif inghad ma kienx xi wiehed negligibbli, fejn din instabet mohbija, ossia f'post tassew diskret li fl-istess waqt kien facilment accessibbli ghall-imputat u li l-imputat kien qieghed f'Paceville lejliet l-ewwel tas-sena, meta ghalhekk kien hemm hafna zghazagh u in oltre illi l-istess sustanza kienet tikkonsisti fi tliet bicciet ta' piz approssimattivament ugwali – ossia 4.42 grammi, 4.36 grammi u 4.58 grammi

rispettivament – u li dawn kien mgezwrin separatament f'bicciet tal-*foil.* Dawn ic-cirkostanzi lkoll flimkien ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-Qorti illi din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat, izda kienet intiza ghall-ispacc.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni lkoll xehdu illi dakinhar l-imputat kien jinsab bit-taxi tieghu, wieqaf hdejn il-*Black Bull,* ossia stabbiliment gewwa Paceville. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, id-difiza ddikjarat illi ma kinitx qeghda tikkontesta l-fatt illi r-reat sehh gewwa Paceville u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jinhatar espert sabiex jirrelata dwar l-aggravju tad-distanza. Tenut kont tal-post fejn instab wieqaf l-imputat bit-taxi, il-Qorti tqis illi dan l-aggravju gie sodisfacentement ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Dan madankollu in kwantu din tirrigwarda l-lejl tal-31 ta' Dicembru 2009 u mhux ix-xahar ta' qabel din id-data. Dan ghaliex mill-provi prodotti ma jirrizultax meta l-imputat gie fil-pussess ta' din id-droga u lanqas ma jirrizulta, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga f'cirkostanzi simili ghajr ghal-lejl imsemmi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti fl-ewwel lok tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Lulju 2015, mil-liema jirrizulta illi l-imputat instab hati ta' ksur ta' regolamenti tat-traffiku u reati kontravvenzjonali diversi drabi, dwar korruzzjoni ta' minorenni, reati konnessi ma' loghob tal-azzard, gurament falz u dwar in-nuqqas tieghu li jaghmel id-denunzji konnessi mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fiz-zmien impost mil-ligi. Dawn ir-reati u kundanni relattivi jiskorru fuq numru twil ta' snin ossia bl-ewwel reat kommess fis-sena 1965 u bl-ahhar reat imwettaq fis-sena 2008. Dwar dawn ir-reati, l-imputat gie kkundannat ghal pieni pekunjarji u liberazzjoni kundizzjonata f'zewg okkazzjonijiet, apparti canfira/twiddiba f'okkazzjoni wahda.

Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjoni odjerna, l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat u l-mod kif din kienet maqsuma u in oltre illi l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni ghandha tizdied bi grad in vista tal-fatt illi l-imputat qed jinstab hati wkoll tal-aggravju tad-distanza, ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat odjern mill-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Formosa.[11] Qieset illi mill-istess rapport jirrizulta illi l-imputat ghandu hajja stabbli, li llum huwa pensjonant u li test tal-kampjun tal-urina li ttehidlu fis-6 ta' Lulju 2015 irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Qieset ukoll illi llum l-imputat ghandu kwazi 69 sena, li dan il-kaz jirrisali ghall-ahhar jum tas-sena 2009 u li ghalkemm il-kawza bdiet tinstema' f'Lulju tas-sena 2012 u ghalhekk sentejn u nofs wara li sehh il-kaz, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'zewg seduti. Effettivament, din il-kawza kienet ilha differita ghall-provi tad-difiza mill-5 ta' Novembru 2012 u d-difiza ghalqet il-provi taghha f'Dicembru 2015, wara li ntalbu wkoll diversi differimenti da parti tal-istess difiza.

Fir-rigward tal-flus kontanti fis-somma ta' elf u ghaxar Euro (€1,010) esebiti in atti, u misjuba fil-pussess tal-imputat, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi €675 minnhom kienu intizi sabiex ihallas il-mekkanik ghall-hsarat li kellu fit-taxi, fil-waqt illi s-somma ta' €200 kienet ghall-pagament fil-gimgha li huwa kien ihallas ghall-kera tal-istess taxi. Fix-xhieda tieghu, huwa jerga' jirrepeti dan u jghid illi lill-mekkanik kien fadallu jhallsu sitt mitt Euro wara li kien diga` hallsu l-istess ammont u peress illi missier il-mekkanik ukoll kien jahdem bit-taxi gewwa Paceville, kien bi hsiebu jaghtihomlu dakinhar. Jghid ukoll illi €210 kienu intizi ghall-pagament tal-kera, ghalkemm fl-ebda waqt ma jispjega jekk kienx ukoll bi hsiebu jhallashom dakinhar u jzid illi martu kienet taghtu €1,000 sabiex ikun jista' jhallas dawn il-pendenzi. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, Emanuel Tabone jghid illi huwa mekkanik u li kien jaghmel tiswijiet lill-imputat kemm fuq it-taxi, kif ukoll fuq il-vetturi ta' martu u ta' ibnu u jispjega wkoll illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien ghad jonqsu jhallsu s-somma ta' €668. F'dan ir-rigward huwa pprezenta *invoice* li turi d-dati ta' meta saru l-pagamenti da parti tal-imputat in konnessjoni ma' dawn it-tiswijiet. Mart l-imputat imbaghad tixhed illi dakinhar zewgha kien ha €1,000 mid-dar sabiex ikun jista' jhallas lill-mekkanik ghat-tiswijiet fuq il-vetturi u lil sid it-taxi ghall-kera tal-istess. Tghid illi l-flus kienet iggemmaghhomlu hi ghaliex hu ma kienx kapaci jgemma'. Dwar dan, il-Qorti ghandha certi rizervi dwar kif proprju dakinhar l-imputat iddecieda li jhallas mhux biss lill-mekkanik gewwa Paceville, izda ha mieghu wkoll il-flus ghall-kera tat-taxi, apparti li la darba l-imputat ha mieghu €1,000 mid-dar, kif jixhdu hu u martu u nstab fil-pussess ta' €1,010, dan ifisser illi kien ghadu lanqas qala' lira minn xoghlu sal-hin li twaqqaf mill-pulizija, ghalkemm lanqas ma jirrizulta kemm kien ilu li beda bil-hidma tieghu f'dak il-lejl. Mill-banda l-ohra, madankollu, tqis ukoll illi a bazi tal-provi prodotti, lanqas ma tista' tasal sal-grad tal-konvinciment morali

[11] Dan jinsab esebit a fol. 91 sa 102 tal-process.

ghall-konkluzjoni illi dik is-somma jew xi parti minnha kienet provenjenti mill-bejgh tad-droga. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tordna r-rilaxx ta' dawn il-flus favur l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu (b'dan illi tali htija qed tinstab biss fir-rigward tal-31 ta' Dicembru 2009 u mhux dwar ix-xahar ta' qabel din id-data) u tikkundannah ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mill-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' erba' mija u disa' Euro u sitta u tmenin centezmu (€409.86), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum. Fin-nuqqas, din is-somma tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' elf u ghaxar Euro (€1,010) esebita bhala parti minn Dokument DT1 favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza, wkoll formanti parti minn Dokument DT1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat